MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 222/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. E. Cuschieri)**
**Vs**
**Vincent Cortis**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli f’dawn il-gzejjer u cioe’ fl-inhawi ta’ Ras is-Sieqja, Burmarrad, fis-27 ta’ Lulju, 2003, ghall-habta tal-10.30 a.m.

1. minghajr il-hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita’ jedd li jippretendi li ghandu, gieghel jew fixkel lil Joseph Cilia, Angelo Fenech, Salvu Fenech u Nazzareno Grima w dan in konnessjoni ma ghelieqi li jinsabu fl-inhawi ta’ ras is-Sieqja, Burmarrad u dan billi b’mod arbitrarju qabad u okkupa, (harat) trejqa li l-imsemmija kwerelanti juzaw biex jghaddu ghar-raba taghhom in kwistjoni;

2. ghamel ingurji u/jew theddid fil-konfront ta’ Anglu Fenech.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-2 ta’ Lulju, 2008, li biha, wara li rat l-artikoli 17, 85 u 339(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu w ikkundannatu multa ta’ hames mitt Euro (€500).
B’applikazzjoni tal-Artikolu 377 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ordnatlu sabiex sa zmien xahar (1) inehhi l-inkonvenjent minn fuq il-passagg mertu tal-kawza w jippermetti lil Joseph Cilia, Angelo Fenech, Salvu Fenech u Nazzareno Grima jgawdu d-dritt tal-passagg li kellhom qabel ma nholoq l-inkonvenjent.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-11 ta’ Lulju, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull piena w imputazzjoni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- 1. li l-akkuza hija marbuta ma data w lok specifiku w cioe' s-27 ta' Lulju, 2003 fl-inhawi ta' Ras is-Sieqja, Burmarrad. Mix-xhieda tal-prosekuzzjoni hemm incertezza kbira dwar meta sehh l-allegat incident. Illi apparti dan l-appellant issottometta li fid-data imsemija fl-akkuza hu kien f' ghalqa ohra privata tieghu w mhux fl-ghalqa in kwistjoni. Hadd mill-kwerelanti ma xehed li rah jahrat l-allegat passagg. Kull ma jghidu hu li rawh mahrut. Illi l-kwerelanti xehdu li l-ghelieqi taghhom qeghdin fil-Wilga ta' Burmarrad mentri l-akkuza tikkoncerna "Ras is-Sieqja" f' Burmarrad. Ghalhekk l-Ewwel Qorti ma setghetx issib htija tar-reat ta' ragjon fattasi. 2. Li minghajr pregudizzju ghal dan, l-Ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti esposti quddiemha fir-rigward tad-dritt ta' passagg li allegaw il-kwerelanti. L-appellant

isostni li din l-istrixxa ta' art formanti parti mill-allegat passagg qatt ma kienet intiza sabiex terzi jghaddu minn fuqha stante li dan kien minn dejjem wied. Inoltre l-kwerelanti ammettew li ghandhom access minn bnadi ohra. L-appellant kien ilu jahdem dan ir-raba ghal sentejn u qatt ma kellu xi ilment, inkluz fuq l-allegat passagg. 3. Dwar l-allegati ingurji jew theddid fil-konfront ta' Angelo Fenech dawn huma michuda mill-appellant. Kienu l-kwerelanti li dahlu fir-raba tieghu w bdew jipprovokawh bi kliemhom. B' dana kollu, hu baqa' ghaddej bil-lant tax-xoghol. Hemm versjonijiet differenti ta' x' allegatament qal l-appellant.  Kull ma ghamel kien li ma accettax l-offerta ta' Angelo Fenech li jaghtih somma ta' Lm100 ghat-tadam, sabiex jghaddi minn hemm.  Apparti d-differenza fid-data minn dak li xehed Angelo Fenech u d-data indikata fic-citazzjoni, l-Ewwel Qorti qatt ma setghet issib htija tat-tieni imputazzjoni.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi l-aggravju principali tal-appellant hu li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi traskritti li ngabru mill-perit tekniku, Valerio Schembri, li kkonferma r-relazzjoni tieghu quddiem din il-Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti  fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal

ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens *"inter alia"* l-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et."** [12.5.94; **"Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi "** [14.2.1989]; **"Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace"** [31.5.1991] ; **"Il-Pulizija vs. Anthony Zammit"** [31.5.1991] u ohrajn .

"Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza **"R. v. Cooper**" ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very *reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392)

Ghalhekk din il-Qorti regghet ghamlet ezami approfondit tal-provi traskritti fil-process biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni ta' htija dwar ir-reati ta' ragjon fattasi w ta' ingurji w theddid.

Ikkonsidrat;

Illi l-fatti tal-kaz kif jirrizultaw mill-provi traskritti huma fil-qosor is-segwenti :- F' xi zmien fis-sajf tas-sena 2003, il-kwerelanti kienu marru f' eghlieqi li hemm fil-limiti ta' Burmarrad u hemm raw lill-appellant u beda xi diverbju bejnithom dwar id-dritt ta' passagg mill-ghalqa mahduma

mill-appellant fejn kien hemm xi tadam imhawwel u senjatament minn parti minnha li huma allegaw li kellhom dritt ta' passagg, kif anki rrizulta minn xi xhieda ohra.

Illi l-Ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda d-data specifika li tissemma fl-akkuza w l-fatt li hadd mix-xhieda prodotti ma kien kapaci jindika din id-data. Issa huwa minnu li **Nazzareno Grima** xehed: *"Naf li meta ppruvajna nidhlu w laqghana kien fis-sajf, aktarx Awwissu, ta' l-2003"* (fol. 59**)** u li **Saviour Fenech,** li xehed fis-seduta tat-2 ta' Dicembru, 2003, jghid : *"Tlitt xhur ilu morna bhala grupp inkellmuh bil-kelma t-tajba."* (Fol.60) u li **Angelo Fenech** xehed li: *"Nghid li l-imputat Cortis harat il-moghdija in kwistjoni. Kien is-sajf ta' l-2002. Jien smajt minnghand shabi li nhartet…"* Meta gie biex isemmi l-incident fejn kienu marru jkellmu lill-appellant, ma jsemmi ebda data w jghid biss: *"Meta morna nghidu l-imputat u precizament morna biex nghaddu, kien hemm it-tadam imhawwel."* (fol. 73). Dak in-nhar l-appellant kien qalilhom: *"Ma tghaddux, forsi nhalli lil xi hadd mejjet hemm." u li* **Antonio Bartolo** (fol. 88- 90) ma semma ebda dati. Pero' **Giamaria Bartolo,** li xehed fit-12 ta' Mejju, 2005 (a fol. 98 et seq.) kien aktar specfiku dwar id-data u qal: *"Fis-27 ta' Lulju, morna inkellmuh imma qalilna : jekk inthom tghaddu jien nispara ghalikom." ….."U lill-Anglu qallu " Ghaddu forsi nhalli xi wiehed minnkom mejjet hemm!!"*

Da parti tieghu **l-appellant,** li xehed a fols. 114 et seq., ma jichadx li *"dak in-nhar ta' l-incident"* kienu marru jkellmuh il-kwerelanti u xi bdiewa ohra izda jghid li dan sar f' ghalqa privata tieghu li tigi xi tlitt mitt metru boghod. *"Sussegwentement gew fejni xi tminja jew ghaxra minnhom fejn kont jien."* Jaf li Anglu Fenech resaq fejnu u qallu li ser joffrulu mitt lira izda hu ma kienx accetta. Wara telqu w wara xi nofs siegha hu mar id-dar jiekol bicca hobs u *"ftit wara rcevejt telefonata mill-ghassa tal-Pulizija tal-Mosta biex immur hemm ghax iridu jkellmuni."*

A fol. 3 tal-process giet esebita l-kwerela maghmula ghan-nom tal-kwerelanti minn Dr. Angelo Farrugia & Associates li ggib id-data tat-**28 ta' Lulju, 2003** u li *"inter alia"* tghid : *"u takkuzah lill-Vince Cortis , l-kwerelat …tali dan b' mod*

*arbitrarju u skond il-ligi , qabad u okkupa w harat triq li l-imsemmija kwerelanti minn dejjem uzaw biex jghaddu ghar-raba taghhom u li dan fil-gurnata tas-**27 ta' Lulju, 2003 ghall-habta tal-10.30 am*** (ossia l-jum ta' qabel) *zamm hu personalment lill-kwerelanti milli jghaddu…."*

In effeti l-akkuza harget b' riferenza specifika ghal din id-data.

Meta xehed l-appellant ma cahadx li kien gara xi haga fid-data imsemmija fic-citazzjoni anzi, kif fuq intqal, beda proprju t-tieni paragrafu tax-xhieda tieghu bil-kliem: **"Dak in-nhar tal-incident…**" Ovvjament meta xehed hekk seta' kien biss qed jirriferi ghall-incident li jissemma fl-imputazzjoni w li jgib id-data hemm indikata. Hu ma cahadx li dak in-nhar kien hemm inkontru bejn il-bdiewa w bejnu, kif xehdu diversi xhieda, izda llimita ruhu biss biex jaghti l-versjoni tieghu ta' fejn kien ezatt u cioe' f' ghalqa tieghu w li meta mar ikellmu Angelo Fenech u ghamillu l-offerta, hu ma kienx heddu. Fi kliem iehor hu kkontesta l-post preciz fejn sar l-inkontru w d-diskors li allegatament intqal minnu izda ma kkontestax li fid-data u l-hin indikati fic-citazzjoni kien sehh l-inkontru.

Ghalhekk, ghalkemm mid-depozizzjonijiet tax-xhieda tal-prosekuzzjoni ma ssemmietx preciz id-data ta' dan l-inkontru, l-appellant implicitament fid-depozizzjoni tieghu accetta li kien dak il-jum indikat fic-citazzjoni li sar dan l-inkontru.

Kwindi l-aggravju dwar li ma rrizultatx id-data meta sar "l-incident" hu wiehed stirakkjat ghall-ahhar u qed jigi respint bhala infondat.

L-istess japplika ghall-aggravju dwar l-isem preciz tar-raba. L-appellant isostni li l-akkuza tikkoncerna "Ras is-Sieqja" f' Burmarrad mentri xi xhieda rreferew ghall-ghelieqi taghhom li qeghdin fil-Wilga ta' Burmarrad. L-istess appellant pero' jibda proprju x-xhieda tieghu billi jghid (fol. 114): *"Jien ghandi xi raba fis-**Sieqja, Burmarrad."*** Din id-deskrizzjoni li ta l-istess appellant tikkombacja b' mod sostanzjali mal-isem tar-raba li hemm

fl-akkuza w ma thalli ebda dubju f' mohh il-gudikant li l-post fejn saru l-allegati reati kien proprju l-istess wiehed fejn jghid li ghandu r-raba l-appellant. Li umbaghad mill-pjanti esebiti jirrizulta abbondantement li t-trejqa jew passagg li hemm kwistjoni fuqha tigi proprju f' "Ras is-Sieqja" (ara fols. 53, 54 u 56 ) u li din tigi fil-"WILEG ta' BURMARRAD" (ara site plan mehuda mis-Survey Sheet numru 4677 a fol. 55). Ix-xhud Grima a fol. 59 jghid li ghandu raba "gewwa Burmarrad u dan fil-kuntrada maghrufa bhala s-Sieqja". Angelo Fenech isemmi "raba fl-inhawi tal-Wilga, f' Burmarrad". L-istess isemmi Giamari Bartolo a fol. 99 "Il-post huwa l-Wilga ta' Burmarrad". Mill-pjanta a fol.55 ghahekk jirrizulta bla ebda dubju li Ras is-Sieqja tiffomra parti mill-area akbar maghrufa bhala "Il-Wileg ta' Burmarrad" u ergo ma hemm ebda incertezza kif qed jipprova jargumenta l-appellant dwar il-post u l-art li dwarha hemm il-kontestazzjoni w fejn allegatament sar xi theddid. Ghalhekk anki dan l-aspett tal-ewwel ilment hu infondat u qed jigi respint.

Illi umbaghad il-fatt li hadd ma ra lill-appellant jahrat dik il-parti tat-trejqa dak in-nhar tas-27 ta' Lulju, 2003, ma jfisser xejn ghaliex irrizulta abbondantement u dan mhux kontestat mill-istess appellant li hu fil-fatt kien **okkupa** parti minn din it-trejqa billi fiha hawwel it-tadam w fil-fatt il-kliem adoperat fic-citazzjoni jinkludi il-kliem: "qbadt u okkupajt ….trejqa." Mhux kontestat li dak in-nhar tas-27 ta' Lulju, 2003, parti mit-trejqa kienet okkupata mill-appellant billi fiha kellu t-tadam mizrugh, tant li jghid li Angelo Fenech offrielu LM100 ghat-tadam biex ikunu jistghu jghaddu minn hemm. Issa hu risaput li wiehed mill-modi ovvji li xi hadd jista' "jokkupa" art agrikola hu proprju billi jhawwel jew jizra' wcuh fiha. Anki jekk it-thawwil tat-tadam ma sarx fil-27 ta' Lulju, 2003, l-effetti tieghu kienu ghadhom jippersistu bhala reat permanenti *"continuing offence"* anki f' dik id-data w b' dik l-okkupazzjoni, l-appellant kien qed jimpedixxi anki jekk in parti l-access tal-kwerelanti minn fuq dik it-trejqa. Konsegwentement l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li bhala apprezzament ta' fatt tikkonkludi l-appellant kien fid-data indikata fic-citazzjoni qed okkupa dik il-parti ta' art in kontestazzjoni.

Ikkonsidrat;

Illi l-appellant instab hati mill-Ewwel Qorti tar-reat ta' *"ragion fattasi"* jew dak li jissejjah *"the exercise of a pretended right"* . Illi din l-azzjoni bazata fuq l-Artikolu 85 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta hija speci ta' zona grigja bejn il-kamp civili u dak kriminali, tant li Sir Andrew Jameson, meta kien qed jigi abbozzat il-Kodici Penali Malti, kien osserva fir-Rapport tieghu fir-rigward li :-

*"It is doubtful whether acts of this kind would not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict of or claim for damages....."* (Ara Prof. Sir Anthony Mamo - Notes on Criminal Law" (Parti Speciali) Vol. II)

Illi l-elementi tar-reat in dizamina gew magisterjalment migbura fid-definizzjoni analitika moghtija mill-Imhallef W. Harding fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza **" Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et. "** (App. Krim. 14.10.1944 , Vol.XXXII - IV, p.768) u dawn jinkludu :-

a) att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna .

b) l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt ;

c) ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali;

d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi .

Illi, kif dejjem gie ritenut, element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor per ezempju. Ghalhekk hemm bzonn li issir indagni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu id-dgawdija taghha.

Ir-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni ta' pussess li dak li jkun gja ikollu. Hemm bzonn li jkun hemm att pozittiv li jippriva lit-terz, jew ifixklu fil-pussess tal-haga ghax kif jghid il-CARRARA (Prog. Parte Speciale Vol.5 para. 2850 :-

*"L' atto esterno deve privare altro contro sua voglia di un bene che gode. Chi e' nell'attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia; non delinque perche' la legge protegge lo "stato quo" , il quale non puo' variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autorita' giudiziale ."*

Issa fil-kaz in ezami, ma hemmx dubju li l-appellant fil-fatt kien okkupa parti mit-trejqa jew passagg li minnhu fi zmien antecedenti kellhom access il-kwerelanti li huma bdiewa li jahdmu r-raba tad-dintorni fil-Wileg ta' Burmarrad, pero' isostni li dan ghamlu ghax hemm dejjem kien wied u li l-kwerelanti jistghu jghaddu ghar-raba taghhom minn band' ohra jekk iridu.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li tistrieh fuq il-provi tal-kwerelanti li hemm kellhom dritt li jghaddu w li tiskarta c-cahda ta' dan id-dritt skond ix-xhieda tal-appellant. Stabilit dan, l-appellant ma setax *di privato braccio* jaqbad u jiehu dak li kien jippretendi li kien tieghu w jibda jahdem it-trejqa jew parti minnha li kienet tintuza mill-kwerelanti w bdiewa ohra tad-dintorni, anki jekk stess haseb li kellu dritt jaghmel hekk.

Ghalhekk l-aggravji dwar l-ewwel imputazzjoni qed jigu respinti w, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li tikkonkludi li kienu jikkonkorru l-elementi tar-reat ta' ragion fattasi dedott kontra l-appellant.

Ikkonsidrat;

Illi wara li jitwarrbu l-aggravji dwar id-data u l-post fejn gara l-incident, kif fuq deciz, l-aggravju dwar it-tieni imputazzjoni jirriduci ruhu biss ghall-wiehed ta' kredibilita'. Ghalkemm l-appellant cahad kategorikament li hu b' xi mod hedded jew ingurja lil Angelo Fenech (fol. 115), dan

tal-ahhar xehed, a fol. 73, li meta qalu lill-appellant biex, wara li jaqta' t-tadam, ihalli it-triq kif kienet, l-appellant kien qalilhom li hemm ma kienx hemm triq u zied jghid *: "Ma tghaddux forsi nhalli lil xi ghadd mejjet hemm."* F' dan Fenech hu korroborat minn Nazzareno Grima li xehed li sema lill-appellant jghid *: "li jekk nghaddu minn hemm ser ihalli xi hadd minnha mejjet ."* (fol. 59). Hu korroborat ukoll minn Giamaria Bartolo (fol. 98) kif diga' fuq intqal.

Illi umbaghad kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux. (ara ap. Krim. "**Il-Pulizija vs. Joseph Thorne"** [9.7.2003] u ohrajn). Ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li legalment u ragjonevolment taccetta l-versjoni tax-xhieda tal-prosekuzzjoni w tiskarta dik tal-appellant u din il-Qorti ma tara ebda raguni impellenti ghala ghandha tbiddel din id-decizjoni.

Indubbjament umbaghad il-kliem li ntqal jammonta ghal theddida fil-konfront ta' Angelo Fenech u ohrajn u ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li ssib htija anki taht din it-tieni imputazzjoni. Ghalhekk anki dan l-aggravju qed jigi respint.

Illi ma hemm ebda aggravju dwar il-piena *"ut sic"* u, f' kull kaz, ma jidhirx li hemm lok li din tigi varjata ghax la hija barra mill-parametri legali w lanqas hija sproporzjonata fic-cirkostanzi u ghalhekk din il-Qorti ma thossx li ghandha b' xi mod tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------